VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,790, 12 ta' Awwissu, 2011
Taqsima B

A.L. 327 tal-2011

ATT DWAR IL-ĠUSTIZZJA AMMINISTRATTIVA (KAP. 490)

Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Twaqqif ta' Elenki fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva (Emenda Nru. 3)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 16 ta' l-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Twaqqif ta' Elenki fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva (Emenda Nru. 3) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar it-Twaqqif ta' Elenki fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, hawn iżjed 'il quddiem imsejjħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 490.04.

Emenda tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Is-subregolament (8) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-Att dwar Gwardjani Privati u Lokali;

(b) l-Att dwar is-Soċjetajiet Koperattivi;

(ċ) Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Xogħlijiet tan-Nar u Esplożivi oħra;

(d) ir-Regolamenti dwar Esplożivi Ċivili;

(e) ir-Regolamenti dwar il-Bibljoteka Nazzjonali ta' Malta; u

(f) ir-Regolamenti dwar il-Bibljoteka Pubblika ta' Malta.".